**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 1170** **15. 06. 2011**

**DISKORS TAL-PRESIDENT GEORGE ABELA WAQT RIĊEVIMENT TA' RIKONOXXIMENT FIL-JUM DINJI DEDIKAT LID-DONATURI TAD-DEMM - G'MANĠA - IT-TLIETA 14 TA' ĠUNJU 2011**

Onorevoli Joseph Cassar,
Impjegati tal-*Blood Donation Centre,*
Sinjuri,

Nirringrazzjakom talli stedintuni niġi hawnhekk għall-ewwel darba bħala President f'dan il-post fejn jinġabar id-demm. Huwa ferm xieraq li d-donaturi tad-demm ikollhom jum dinji dedikat għalihom talli huma jwettqu dan l-att erojku. Hi ħaġa sabiħa li wieħed jgħin lil għajru billi jagħti l-flus, hi ħaġa ta' min wisq ifaħħarha li wieħed jagħti ħinu fil-volontarjat imma naħseb li m'hemm xejn iżjed nobbli milli wieħed jagħti minn persuntu stess tessut ħaj, bħalma hu d-demm, il-mudullun jew xi organu tal-ġisem, sabiex ħaddieħor ikun jista' jgħix.

Id-donazzjoni tad-demm tista' ssalva l-ħajja tan-nies permezz tat-trasfużjoni. Il-bniedem m'għandu l-ebda don prezzjuż daqs il-ħajja u għalhekk aħna nemmnu bis-sħiħ fil-prinċipju tad-dinjità tal-bniedem u l-protezzjoni tal-ħajja mill-konċepiment sat-tmiem naturali tagħha. Fil-ġabra tal-etika Ġudajka msejħa *Talmud*, insibu t-tagħlim sabiħ li "Min isalva ħajja waħda, bħallikieku qed isalva l-umanità kollha". Daqshekk hu kbir il-mertu ta' min joffri d-demm tiegħu fi spirtu kompletament altruwistiku sabiex il-proxxmu tiegħu jista' jgħix.

It-teknoloġija moderna, minkejja l-avanzi kbar li għamlet, għadha ma vvintat xejn li jista' jissotitwixxi d-demm uman u għalhekk il-provvista tad-demm għat-trasfużjoni tiddependi mill-ġenerożità tad-donaturi. F'Malta għandna bżonn ta' madwar ħamsin (50) borża demm kuljum u għalhekk qatt mhu biżżejjed.

Kienu ħafna l-Maltin li fehmu kemm hu essenzjali l-għoti tad-demm. Min jista' jagħti d-demm iħoss il-ferħ u s-sodisfazzjon li jiġi biss minn azzjoni tajba b'risq għajru u jiena nħeġġeġ lil kull min jista' jagħti biex jiġi u joffri dan il-ġid kbir li ma jinxtarax bil-flus. Hemm numru kbir ta' donaturi li jagħtu d-demm regolarment u jiena nirringrazzjhom f'isem dawk kollha li xi darba rċevew dan id-demm jew li għad iridu jirċevuh. Inħeġġeġ ukoll lil dawk kollha li qatt ma taw sabiex jersqu 'l quddiem u joffru demmhom lil min jeħtieġu. Kif jaf kulħadd, l-għoti tad-demm ma fihx minn xiex tibża', ma jikkawżax uġiegħ u d-demm li jingħata jiġi sostitwit naturalment mill-ġisem fi żmien ftit sigħat. Il-bżonn tad-demm huwa kontinwu.



**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

Ma rridx inħalli barra mir-ringrazzjament tiegħi għadd ġmielu ta' barranin li huma wkoll, bl-aktar mod eżemplari, jagħtu demmhom ripetutament biex jgħinu lill-pazjent. Hemm min ta' mitt darba. Jekk hemm ħaġa li turi li hemm biss razza waħda umana fid-dinja, din hija li d-demm mogħti jaqbel mal-pazjent li jeħtieġu skond il-grupp tad-demm u mhux skond ir-razza ta' min jagħtih. M'hemm ebda kulur tal-ġilda jew grupp etniku li jagħżel bniedem minn ieħor fejn jidħol id-demm – kulħadd xorta u kulħadd indaqs. Biex ngħid hekk, il-bnedmin kollha demm wieħed. L-għoti tad-demm, għalhekk, iservi wkoll sabiex ineħħi l-preġudizzji razzjali u jżid is-solidarjetà bejn il-bnedmin.

Irrid nirringrazzja wkoll lill-membri kollha tal-*istaff* ta' dan iċ-ċentru li bil-ħidma dedikata tagħhom jagħmlu minn kollox sabiex jaqdu lid-donaturi bl-aktar mod professjonali u jippruvaw ukoll jinkoraġġixxu kemm jista' jkun membri tal-pubbliku biex jagħtu d-demm.

Hawnhekk nixtieq insemmi wkoll l-għoti ta' organi oħra. Jiena nħeġġeġ lil kulħadd biex jekk jistgħu jagħtu organi wara l-mewt, ħalli dawn jingħataw lil min għandu bżonn. Hi ħaġa flokha wkoll li min juri ċar, dment li għadu ħaj, li jixtieq li jintużaw l-organi tiegħu wara mewtu, ix-xewqa tiegħu għandha tiġi rispettata. Hi ħaġa nobbli li jingħataw anki organi bħall-kliewi meta dan ikun possibbli.

Jiena għalhekk nawguralkom aktar ħidma fejjieda b'risq il-pazjenti u nirringrazzjakom mill-ġdid.